MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-1 ta' Settembru, 2004

Numru 681/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Geoffrey Azzopardi**
**V**

**ADEL DAWAH**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ADEL DAWAH** ta' erbgha u tletin sena iben Mahmoud u Aida nee Xnieni, imwieled Sirya fit-12 ta' Ottubru 1969 u residenti 27, Triq il-Gallina, San Gwann, detentur tal-karta tal-identita numru 528895M gie mressaq quddiemha akkuzat talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;

1. Talli fit-22 ta' Awissu, 2004 ghal habta ta' nofsinhar f'tas-Sliema, ikkometta serq ta' basket

kontenenti hwejjeg, nuccali tax-xemx u dokumenti ohra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin sar ghad-dannu ta' Marianna Golovkina minn tas-Sliema.

2. Talli fid-19 ta' Awissu, 2004 ghal habta tat-tlieta u nofs f'tas-Sliema, ikkometta serq ta' basket kontenenti flus kontanti, camera tar-ritratti, hwejjeg, zewg mobile phones u dokumenti ohra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin sar ghad-dannu ta' Andrea Scriha u/jew persuni ohra.

3. Talli bejn id-19 ta' Awissu u t-22 ta'Awissu, 2004 f'dawn il-Gzejjer xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg u cioe` l-oggetti imsemmija hawn fuq, misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxijhom.

4. Fl-ahhar nett akkuzat talli sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datati 19 ta' Ottubru, 1999 u 10 ta' Ottubru, 2002 liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula, kif ukoll talli ikkommetta l-imsemmija reati waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza mghotija fid-disgha ta' Lulju, 2004 mill-Qorti tal-Magistrati.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fl-atti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kollha salv dik ta' ricettazzjoni kif registrata fl-atti fis-seduta tal-24 ta' Awissu, 2004, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fil-presenza tal-avukat nominat permezz tal-ghajnuna legali.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha salv dik ta' ricettazzjoni dedotti kontra tieghu.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jirregistra fis-seduta tal-24 ta' Awissu, 2004 li t-tielet akkuza u cioe` dik ta' ricettazzjoni giet moghtija minnu bhala akkuza alternattiva ghal dik ta' serq u ghalhekk irrimettiet ruhha ghal gudizzju tal-Qorti u noltre ddikjarat li ma kienetx ser tressaq provi dwar din l-akkuza stante d-dikjarazzjoni tal-ammissjoni fuq registrata.

**Dwar il-piena:**

Il-Qorti rat illi l-imputat diga inghata diversi cansijiet mill-Qorti bl-isperanza li l-imputat jirregola ruhu u jibda hajja ta' bzulija izda dan nonostante l-imputat reggha qieghed il-Qorti sentejn wara li hu inghata sentenza sospisa ta' sena minn din il-Qorti diversament preseduta u ghalhekk il-Qorti ma thossx li ghandha tkun klementi mieghu ghalkemm huwa irregistra ammissjoni fl-ewwel opportunita` mghotija lilu u b'hekk ghen sabiex ma jinhela l-ebda hin prezzjuz tal-Qorti.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti thoss illi l-piena idoneja hija dik ta' prigunerija.

**Ghalhekk, il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 49, 50, 261, 267, 279, 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddeciedi wara li tiddikjara li ssib lill-imputat ADEL DAWAH hati fuq ammissjoni tieghu stess tal-ewwel, it-tieni u r-raba akkuza li tikkundannah piena karcerarja ta' tmintax il-xahar, oltre dan tordna li s-sentenza sospiza ta' sena mghotija minn din il-Qorti diversament preseduta nhar id-disgha ta' Lulju, 2002 tigi resa operattiva, b'hekk l-imputat ghandu jaghmel perjodu ta' sentejn u nofs prigunerija.**

**Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-**

**atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------